**Laqgħa Numru 21**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**18 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.38 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi - Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa - Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

## 21.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

21.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

21.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 19 li saret nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju.

## 21.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

21.3.1 **White Road fix-Xewkija** Is-Sindku rreferra għal-lista ta' toroq li għadhom torba u l-problema li teżisti jekk dawn humiex toroq pubbliċi jew privati. Is-Sindku spjega li kien tkellem mal-*public registry* biex jivverifika magħhom u elenka li Triq Torri Gorġun hi l-unika triqmil-lista ta' toroq li tidher imfassla s'isfel nett u li tidher proġettatha li ssir għax tidher irreġistrata. It-toroq l-oħra fosthom it-Triq L-Arcipriet Gużepp Grech, Triq Ir-Rotunda u Triq Tal-Ġidi ma jidhrux li huma triq pubbliċi. Is-Sindku spjega li hemm bżonn li tiġi sottomessa l-applikazzjoni GLA20 mal-Lands Authority biex b'hekk wieħed jivverifikka li dawn it-toroq humiex privati jew pubbliċi. Il-Kunsillera Jeanelle Attard staqsiet jekk huwiex kompetu tal-Kunsill li jissometti din l-appliazzjoni. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid ikun jaf biex b'hekk ikun jista' jagħmel it-talba biex isir it-talba biex isir it-triq jew le. Il-Viċi Sindku spjega li jekk ikun hemm is-servizzi tad-drenaġġ din tiġi triq pubblika. Wieħed irid jara l-livelli u jmexxi magħhom-il-Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel li tiġi sottomessa l-applikazzjoni GLA20 min-naħa ta' perit.

21.3.2 **Trejqet Tal-Barrieri** Is-Sindku spjega l-problema ta' ilma li hemm fit triq u li jekk jintefa' terrapien biex jimtlew il-ħofor il-problema li għandhom ċerthom residenti tispiċċa tintefa' fuq residenti oħrajn minħabba li l-livell mhux qegħdin kif suppost. Il-Kunsill qabel li kellu jitlob lill-Ministeru t'Għawdex biex jintbagħat perit tal-gvern biex jimmarka l-livelli kif suppost.

21.3.3 **Siġra tat-tut f'Tal-Barmil** Is-Sindku spjega li kienet inqatgħet siġra tat-tut minn dawk li kien hemm fil-pjazza tal-Barmil peress li kienet perikoluża ħafan hekk kif kienet kollha mikula bis-susa. Is-Sindku kompla jispjega li l-permess biex tinqata' din is-siġra ħareġ bil-kundizzjoni li jitħawlu 10 siġar indineġi Maltin b'waħda titħawwal minflokhom. Is-Sindku ssuġġerriexxa li dawn is-siġar jitħawlu f'Tal-Ħorob billi jsiru konok mal-ħajt l-ogħli u bl-għan li tissolva l-problema tal-ilma li hemm kemm ilha li saret it-triq. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan is-suġġeriment. Il-Kunsillier Domenic Zerafa issuġġerriexxa li għandhom jitħawlu siġar taċ-ċawsli.

21.3.4 **Miżura 4 taħt il-programm LEADER 2014 – 2020** Is-Sindku kkomunika li kien tkellem miegħu is-Sur Magro fejn infurmah li kienet se toħroġ it-tieni sejħa għall-proposti taħt din il-miżura fejn hemm allokati €83,781 f'fondi pubbliċi. Is-Sindku propona li l-Kunsill japplika biex jittranġa l-learning hub propost għall-post fejn kien il-Kunsill il-qadim. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard elenkat li l-fondi li ħa joħorġu kollha se jitolbu li jkun hemm

NGOs bħala partners. Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill għandu jerġa' jiċċekja mal-GAGF hekk kif sa fejn jaf hu l-miżuri huma magħluqa.

21.3.5 **Ftuħ tal-Mitħna** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-ftuħ tal-Mitħna kien ser isir nhar il-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021 fil-5.00pm. Hu spjega li l-membri tal-Kunsill kellhom jirċievu invit u li minħabba l-pandemija l-ftuħ kien se jkun ristrett biss għall-mistednin distinti.

21.3.6 **Ħruġ ta' Permessi s-Sibtijiet** Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva ħafna ilmenti minħabba li s-Sibtijiet ma kinux qed joħorġu permessi u għalhekk talab li l-membri tal-Kunsill jerġa' jikkonsidra li l-ħruġ ta' permessi s-Sibtijiet.

21.3.7 **Triq Il-Kbira** Is-Sindku spjega li kien kellmu l-inġinier tal-WSC fejn infurmah li kienu waslu l-katusi tal-ilma u li x-xogħol fuq it-triq kien skedat li jibda immenti.

21.3.8 **Hatra Deputat Segretarju** Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jaħtar deputat segretarju ġdid hekk kif l-Assistent Prinċipal ma setgħetx tokkupa din il-kariga hekk kif kienet nieqsa mill-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellh tinħatar is-Segretarju Sue Ellen Bugeja bħala Deputat Segretarju.

21.3.9 **Triq Santa Elizabetta** Is-Sindku spjega li l-bollards li kien hemm fil-kantuniera fi Triq Sant'Elizabetta għandu d-dubju tiegħu hux ser jiġu approvati minn TM. B'referenza għall-ittra tal-avukat għan-nom ta' John Saliba, il-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li nfurmat lill-avukat li hi ma kinitx nfurmata mill-problema li nholqitlu. Is-Sindku spjega li l-korrispondenza għaddiet lill-Perit li kien responsabli mix-xogħol. Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew li t-triq saret l-istess bħal qabel.

21.3.10 **Ġnien Blankas** Is-Sindku spjega li kien tkellem lill-Perit biex jipprepara drawings fuq dak li kien diskuss fil-laqgħat preċedenti fuq l-intepretation centre f'dan il-masġar.

## 21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

21.4.1 Il-Viċu Sindku staqsa jekk it-tender tal-Perit kienx spiċċa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affirmattiv waqt li spjegat li s-sejħa għall-offerti ħarġet u tagħlaq fit-2 ta' Frar 2021. Il-Vici Sindku rrimarka li hu ma kellu l-ebda problema jaħdem ma' l-ebda perit pero' talab li l-Kunsill għandu jimxi mal-liġi. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li meta joħroġ tender kulħadd jista' jitfa' l-offerta tiegħu. Il-Kunsilliera Attard talbet li ma jissemgħux ismijiet.

21.4.2 Il-Kunsillier Jeanelle Attard staqsiet rigward liema tip ta' skart goff kien qed jiġabar mis-servizz tal-bulky. Is-Sindku spjega li materjal ta' kostruzzjoni ma jinġabarx. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk il-Kunsill hux qed jiġbor skart bħal per eżempju sett ta' kamra tal-banju għax dan ma jiġix aċċettat mill-Wasteserv. Is-Segretarju spjegat liema tip ta' skart hu aċċettat u le waqt li s-Sindku elenka li xorta r-residenti jistgħu jmorru bil-vetturi privata tagħhom biex jiddisponu minn dan it-tip ta' skart.

21.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet lis-Segretarju jekk kinitx iċċekjat rigward ir-rotta tal-bus li kienet twaqfet minn Triq L-Indipendenza. Is-Segretarju spjegat li l-bus ilha

ħafna ma tgħaddix minn din it-triq. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li tajjeb li qabel ma tinbidel rotta għandu jiġu kkonsultat il-Kunsill anke jekk il-Kunsill qed jippromovi l-użu tas-transport pubbliku.. Is-Segretarju ċemplet lir-rappreżentat ta' Transport Malta tistaqsih rigward r-rotot tax-Xewkija u għaliex it-trasport m'għadux jgħaddi minn Triq L-Indipendenza. Ir-rappreżentat spjega li l-karozza tal-linja ilha 4 snin ma tgħaddix minn Triq L-Indipendenza. Il-Kunsill iddiskutta ukoll ir-rotta tax-xatt peress li tħalli bara r-residenti tal-HOS tal-Ħamrija peress li r-residenti jkunu jridu joħorġu fuq il-bus stage ta' Triq L-Imgarr jew fuq l-istage ħdejn ir-razzett tax-Xiber. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet ukoll fuq il-possibilta' li ddur l-bus stop fejn tax-Xiber. Ir-rappreżentat irrisponda li dan mhux se jkun possibli. Il-Kunsilliera Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li ssir barier mal-bus stop biex ma jispiċċax jixxarbu mill-karozzi dawk li jkun qed jistennew il-bus.

21.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrimarkat li mhux aċċettabli li l-kollettur taż-żibel qed jiġbor munzell żibel mit-triq u jitfgħu taħt it-tabella tarmix żibel hawn fi Triq Hebron, ħdejn il-Fructica fi Triq Il-Ħamrija u akwati oħra madwar ir-raħal. Il-Kunsill iddiskutta li għandna niġbru l-attenzjoni lill-kuntrattur u jingħata warning jew jinżammlu pagament. Il-Kunsilliera Attard spjegat li hi ma kinitx taqbel mal-proposta' diskussha fir-reġjun fejn ikun post iddentifikat taħt l-art u wieħed jiddisponi ż-żibel tiegħu hemmhekk.

21.4.5 Il-Kunsill Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li s-stop sign fi Triq L-Indipendenza qiegħda mwaħħla ħażin għax din għandha tkun imwaħħla fuq il-bankina jew fil-kurduna imma mhux fit-triq. Is-segretarju ħadet nota ta' dan.

21.4.6 Il-Viċi Sindku staqsa rigward dwar dak diskuss fil-laqgħa preċedenti rigward is-CCTVs. Is-Segretarju spjegat li kienet kellmet lill-Inġinier li qed jaħdem fuq din il-materja u li kien spjegalha li qed jistenna mingħand supplier partikolari.

21.4.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kienx ġie infurmat il-Perit fuq il-proġett tal-bankini tal-Ħamrija rigward it-tibdiliet li kien qed jissuġeriexxi l-Kunsill. Il-Kunsill iddiskutta x'kien qed jippropni mill-ġdid u dawn is-suuġġerimenti kellhom jgħaddu lill-Perit responsabli minnufih.

21.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward meta kienu se jitħarrku s-siġar tal-Playingfield tal-Ħamrija hekk kif iż-żmien biex jitħarrku se jgħaddi. Il-Kunsill qabel li għandhom jinqalgħu u għaldaqstant kellna nikkonsultaw mal-Perit inkarigat biex dawn jiġu rrilokati minnufih. Is-segretarju spjegat li talbet laqgħa mad-DPF biex jiġi diskuss dan il-proġett li s'issa għalih għadu ma ġiex konkluż il-grant agreement.

21.4.9 B'referenza għall-Karnival, il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerriet li ssir kompetizzjoni tal-maskli kreattivi b'kompetizzjoni biex ikun hemm aktar konkorrenza u hekk iżomm ħajja t-tradizzjoni tal-Karnival. L-istess kunsilliera ssuġġerriet li ssir sessjoni online kif isir maskla. Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew li m'għandiex isir sessjoni online biex b'hekk tagħti lok għall-aktar kreattivita'. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li l-premijiet ikunu l-ewwel premju €100, it-tieni premju €50 u t-tielet premju €25. Il-membri preżenti qablu ma' dan. Il-maskli kellhom jintwerew fl-Exhibition Hall u l-ġurija tkun komposta minn tlett persuni.

21.4.10 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni biex jissewwa ħajt li hemm fejn il-Madonna ta' Angelique. Is-Segretarju spjegat li dan il-ħitan tas-sejjieħ kellu jsir pero' ħadet nota biex tibgħat il-ħaddiema biex jibnuh mill-ġdid.

21.4.11 Trejqet Ta' Kraba Is-Segretarju spjegat rigward l-inkonvenjent li qed jinħoloq għar-residenti minħabba li fl-istess akkwati hemm Triq Ħraba kif ukoll Trejqet Ta' Kraba. Is-Segretarju spjegat li hi biss Triq bl-isem uffiċjali pero' in-nies jafuha bħala Triq Kraba. Il-Kunsill iddiskutta li għandha tissemma' mill-ġdid Trejqet Ta' Kraba biex tnaqqas l-konfużjoni. Il-Kunsill iddiskutta x'ismijiet ta' triq li għandhom jiġu proposti lill-Kumitat tat-toroq fosthom Gużepp Calleja pittir li għamel isem il-Canada u Maria Grech li ħadmet ħafna fil-volontorjat.

## 21.5 Ħatra ta' Bordijiet

21.5.1 **Tender Ħitan tas-Sejjieħ tal-Loġġa** Il-membri tal-Kunsill qablu li l-membri fuq il-Bord tal-Evalwazzjoni għal dan t-tender kellhom ikunu s-Sur William Sultana bħala ċ-chairperson, is-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-Bord, il-Perit Shawn Micallef, l-accountant Darren Mercieca u l-avukat Dr Kevin Mompalao.

21.5.2 **Tender tal-Perit** Il-membri tal-Bord tal-Evalwazzjoni fuq dan it-tender kellhom ikunu s-Sur William Sultana bħala bħala ċ-chairperson, is-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-Bord, is-Sur Ivan Attard, l-accountant Darren Mercieca u l-avukat Dr Kevin Mompalao.

## 21.6 Ħruġ ta' Tender Restawr fuq l-Istatwa ta' San Pawl

21.6.1 B'referenza għall-ittra mid-Direttur t'Eco Gozo fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet milqugħa l-applikazzjoni għal restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl u l-Kunsill se jkun qed jingħata €6838.25 f'fondi għal dan ir-restawr is-Sindku ppropona li l-Kunsill kellu jmexxu bil-ħruġ tat-tender għar-restawr minnufih. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

## 21.7 SPI/SCI/7/2020- Skema "Smart Solutions"

21.7.1 Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew l-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu japplika fuq erba' smart bins biex jiġu nstallati wieħed fil-pjazza, fil-Playingfield tal-Ħamrija, fil-Playingfield ta' Ġokk u fi Ġnien Il-Ħaddiem. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard elenkat li wieħed għandu jikkonsidra l-*life span* ta' dawn l-ismart bins.

## 21.8 Performance Appraisals: Segretarju Eżekuttiv u Impjegati Klerikali għas-sena 2020

21.8.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill il-*Peformance Bonus Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema klerikali. Il-membri preżenti unanimament qablu li

l-*peformance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv Marion Attard għandu jkun 10% u l-*performance bonus* tal-Assistenti Prinċipali għandu jkun 6%.

**21.9 Korrispondenza u Ilmenti**

21.9.1 Talba minn resident fi Triq Ta' Ħraba biex isir bozza peress li t-triq mudlama. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li għandi tiżdied din il-bozza mitluba anke peress li hemm ħafna nies anzjani jgħixu waħedhom fl-akwati.

21.9.2 15/12/2020 Korrispondenza mis- Sa Cardona tistieden lill-Kunsill jkun parti minn proġett tal-gastronomija.

21.9.3 15/12/2020 Invit mix-Xewkija Gozo College għall-kunċert tal-Milied mxandar online fit-22 ta' Diċembru 2020 fid-9.30am.

21.9.4 16/12/2020 Direttiva 07/2020 Direttiva dwar il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali li tinforma bl-emendi biex il-laqgħat tal-Kunsill u laqgħat annwali jistgħu jsiru kif il-Kunsill jidhirlu li hu xieraq.

21.9.5 16/12/2020 Ċirkolari 09/2020 Emendi għall-Att dwar Gvern Lokali (Kap.363)

21.9.6 16/12/2020 Ittra bl-avukat għan-nom ta' John Saliba rigward triq Sant'Elizabetta.

21.9.7 18/12/2020 Imejl mis-Segretarju Eżekuttiv lis-Sa Zammit Alamango b'talba biex l-Arms tikkonsidra li s-servizz tal-ħlas tad-dawl u l-ilma jerġa' jissokta hekk kif qed ikun mitlub minn ħafna residenti.

21.9.8 21/12/2020 Cir AKL 2020/135 Inizjattiva Rigal b' Imħabba - Milied għat-Tfal kollha.

21.9.9 21/12/2020 Cir AKL 2020/136 MentorAid - Sessjonijiet ta' taħriġ Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera (PR, Social Media, CRM, Mental Health, Stress Management).

21.9.10 21/12/2020 Cir AKL 2020/138 MentorAid - Financial Regulations 20/01/2021

21.9.11 29/12/2020 Cir AKL 2020/137 MentorAid - Waste Management Plan and Consultation Process - Webinar 07/01/2021

21.9.12 29/12/2020 Cir AKL 2020/139 L-Ewwel Term Skolastiku ġie fi tmiemu wkoll – Ringrazzjament mill-Ministeru tal-Edukazzjoni għall-kolloborazzjoni mill-Kunsill fi tmiem l-ewwel term skolastiku.

21.9.13 04/01/2021 Inħobbok Tentative Programm Stedina mill-Mgozo fl-okkażjoni tal-festa ta' San Valentinu biex il-Kunsill Lokali jorganizzaw attivita' fit-tentattiv biex jittella' programm kulturali.

21.9.14 04/01/2021 Imejl mis-Sa Pisani biex tinforma lill-Kunsill li l-cash office tal-Arms fil-Leap ser jinfetaħ mill-ġdid mill-Erbgħa 13 ta' Jannar 2020.

21.9.15 05/01/2021 Tender opening report tat-Tender għar-restawr fuq il-Ħitan tas-Sejjieħ f'Tal-Loġġa.

21.9.16 07/01/2021 Stedina mill-Mgozo biex il-Kunsill itella' attivita marbuta mal-Għid dejjem skont il-miżuri applikabli minħabba l-pandemija.

21.9.17 08/01/2020 Ittra mid-Direttur t'Eco Gozo tinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal restawr fuq l-istatwa ta' San Pawl ġiet approvata u l-Kunsill se jkun qed jingħata €6838.25 f'fondi għal dan ir-restawr.

21.9.18 11/01/2021 Agenda, Minuti tal-Laqgħa Nru 20 u Skeda tal-Pagamenti mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv.

21.9.19 13/01/2021 Cir AKL 2021/001 Personal Accident Policy

21.9.20 13/01/2021 Cir AKL 2021/002 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

21.9.21 15/01/2021 Ċir AKL 2021/003 - Minuti - Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 41

21.9.22 15/01/2021 Cir AKL 2021/004 Calypso Radio Outside Broadcasts

21.9.23 18/01/2021 Stedina għal-laqgħa virtwali mis-Sur Conrad Borg Manche, Executive Chairman ta' Ambjent Malta bis-suġġett Ambjent Malta Konsultazzjoni Kunsilli Lokali

## 21.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

21.10 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 21.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

21.11.1 Il-laqgħa ntemmet 7.32pm. Il-membri tal-Kunsillier unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 24 ta' Frar 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **24 ta' Frar 2021**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |